# San Pawl fit-toroq ta' Pajjiżna



Kitba ta' Chev. Mario Coleiro



Sa mis-sena 60 AD, meta San Pawl kien nafragat f'pajjiżna, huwa rabat l-eżistenza tiegħu magħna l-Maltin. Din ir-rabta rriżultat f'devozzjoni qawwija li tferrxet ma' kull rokna tal-gżejjer tagħna. Xhieda ta' dan huwa n-numru sabiħ ta' knejjes, artali, toroq u pjazez li nsibu ddedikati lil dan l-Appostlu tal-Ġnus. Ma nistgħux ma nsemmux kemm Maltin huma msemmijin għalih u kemm djar iġibu ismu. Fit-toroq tagħna jispikka wkoll in-numru impressjonanti ta' niċeċ iddedikati lil San Pawl. F'dan l-artiklu jien se nillimita ruħi u nitkellem biss fuq statwi li nsibu fil-pjazez u t-toroq fuq kolonni, kif ukoll fuq statwi ta' San Pawl li nsibu fuq iz-znieter tal-knejjes tagħna.

Bla dubju, jekk se nibdew nelenkaw dawn l-istatwi li nsibu fil-pjazez, ma nistgħux ma nibdewx minn dik li proprju nsibu fil-pjazza ewlenija ta' Ħal Safi biswit is-sede tal-Każin tal-Banda San Pawl. Din hija statwa tal-ġebel li tinsab fuq kolonna li prattikament hija sinonima ma' din il-pjazza pittoreska.

Statwa oħra importanti ta' San Pawl hija dik li nsibu maġenb il-knisja parrokkljali tar-Rabat, Malta. Din hija statwa kbira u madwarha għandha taraġ kbir. Hija magħrufa bħala 'San Pawl taż-Żurżieqa'. It-tradizzjoni tgħid li San Pawl kien ipprietka minn dan il-post. L-istess tradizzjoni hija marbuta ma' statwa oħra ta' dan il-qaddis li nsibuha f'San Pawl tat-Tarġa fin-Naxxar. Jingħad li meta San Pawl ippriedka minn dan il-lok kien ikkonverta lill-poplu ta' Għawdex. L-iktar statwa kolossali ta' San Pawl li nsibu f'pajjiżna hija dik li tiddomina l-gżira ta' Selmun. Din kienet tpoġġiet fuq din il-gżira fis-sena 1845 u kienet skolpita minn Sigismond Dimech. Minn dak iż-żmien din il-gżira bdiet tissejjaħ il-'Gżira ta' San Pawl'.

Fi Triq il-Kbira f'Ħal Qormi nsibu statwa sabiħa ferm ta' San Pawl li tinsab f'wesgħa ta' din it-triq li tieħu forma ta' pjazzetta. Biswit il-knisja parrokkjali tas-Siġġiewi nsibu pjazzetta oħra li fiha nsibu statwa tal-ġebel ta' San Pawl li wkoll tinsab fuq pedistall fiċ-ċentru ta' din il-pjazzetta. Fuq l-irdum magħruf bħala l-'Għar u Casa' tal-Mellieħa naraw statwa oħra ta' San Pawl li tinsab fuq pedistall tal-ġebel. Din l-istatwa tinsab imperrċa taħt ix-xifer tal-promontorju tħares lejn il-gżira ta' Għawdex u tiddomina n-niżla li twasslek għall-bajja tal-Għadira.

Fil-Belt Valletta, fi Triq San Pawl kantuniera ma' Triq Santa Luċija, insibu statwa kbira tal-ġebel ta' San Pawl li fil-passat kienet mal-faċċata l-antika tal-Kolleġġata ta' San Pawl li tinsab ftit metri bogħod. Statwa simili ħafna hija dik li nsibu fi Triq il-Kbira f'Birkirkara. Din ukoll tinsab fuq pedistall tal-ġebel iserraħ mal-ħajt. Fit-triq li mir-Rabat ta' Malta tiħodna lejn il-Buskett fl-inħawi magħrufa bħala 'Ix-Xagħra tal-Isqof', insibu statwa oħra tal-ġebel ta' San Pawl li għall-kuntrarju ta' dawk kollha li semmejna sa issa, din hija polikromatika għax miżbugħa bil-kuluri tradizzjonali marbuta ma' San Pawl. Din tinsab ftit 'il ġewwa mit-triq prinċipali f'daħla li twasslek għal numru ta' barrieri antiki ħafna. Statwa oħra polikromatika hija dik li nsibu f'niċċa kbira fil-bitħa biswit is-santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa. Din ukoll hija statwa kbira li tiddomina din il-bitħa. Tixbaħha ħafna hija niċċa oħra bi statwa tal-ġebel miżbugħa bil-kuluri li tinsab fuq is-Saqqajja tar-Rabat ta' Malta. Jingħad li meta Napuljun invada lil Malta fl-1798, ix-xbieha ta' San Pawl f'din in-niċċa bkiet id-dmugħ ta' niket għal dak li kellu jgħaddi minnu l-poplu Malti tul il-ħakma Franċiża. Fuq in-naħa ta' ġewwa tal-Bieb prinċipali tal-Imdina naraw ukoll xbieha ta' San Pawl ma' Sant'Agata u San Publiju bħala patruni ta' Malta. Meta wieħed ikun dieħel l-Imdina mill-bieb tal-Griegi, proprju fuq il-mina li nsibu qabel il-foss ta' dan il-bieb, naraw ukoll xbieha oħra ta' San Pawl skolpita fil-ġebel.

Ma dawn il-ħafna xbihat tajjeb nelenkaw l-istatwi ta' San Pawl li nsibu fuq iz-znieter tal-knejjes tagħna f'Malta u Għawdex. Hekk naraw li f'Ħal Qormi, fuq iz-zuntier tal-knisja ta' San Ġorġ hemm statwa ta' San Pawl u oħra ta' San Publiju; fuq iz-zuntier tal-knisja ta' San Sebastjan insibu statwa ta' San Pawl u oħra ta' San Pietru. Lil San Pawl insibuh jakkumpanja lil San Pietru fuq iz-zuntier tal-Kolleġġata ta' San Pawl tar-Rabat Malta u fuq dawk ta' Ħaż-Żabbar, in-Nadur, u l-Għasri f'Għawdex. Fuq iz-zuntier ta' Ħal Balzan narawh ma' San Pietru kif ukoll ma' statwa tal-Lunzjata. Fil-Mosta wkoll narawh ma' San Pietru u qaddisin oħrajn. F'Ħaż-Żebbuġ narawh flimkien ma' San Filep, filwaqt li fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' Santa Margerita f'Ta' Sannat Għawdex narawh ma' diversi qaddisin oħrajn.

L-aħħar xbieha ta' San Pawl li se nitkellem fuqha f'dan l-artiklu hija waħda unika. Din tinsab f'niċċa ċkejkna li nsibu nkorporata fil-pedistall tal-ġebel ta' statwa ikbar ta' Santa Venera Verġni u Martri li tinsab kważi fin-nofs ta' Pjazza Santa Venera quddiem il-knisja l-antika tal-istess qaddisa. Din l-istatwa ta' San Pawl hija unika għax fejn kważi l-istatwi kollha li nsibu f'pajjiżna ta' San Pawl huma influwenzati mill-vara ta' dan il-qaddis li nsibu fil-Belt Valletta, xogħol ta' Melchiorre Gafà, f'din li hemm f'Santa Venera ma narawx lil San Pawl qiegħed jipprietka, imma għall-kuntrarju narawh qiegħed jistrieħ. Fil-fatt, din turi lil San Pawl mimdud, f'idu l-leminija jżomm il-ktieb filwaqt li f'idu x-xellugija qed iżomm il-lifgħa. Din l-istatwa fil-

qedem kienet tinsab fuq kolonna ċkejkna ma' ħajt ta' ġnien li kien jisporġi fuq l-istess pjazza. Meta l-ħajt kien twaqqa', din l-istatwa nġabret fil-ġnien tal-kunvent tal-patrijiet li jinsab biswit il-Knisja ta' Santa Venera. Meta dan l-aħħar sar proġett ta' tisbiħ fl-istess pjazza, kien inkorporat fil-proġett pedistall biex fuqu titpoġġa statwa tal-ġebel ta' Santa Venera. Fil-pedistall ta' din l-istatwa saret niċċa ċkejkna biex fiha titqiegħed din l-istatwa ta' San Pawl li fil-qedem kienet ftit metri 'l bogħod minn fejn qiegħda llum. B'hekk, din l-istatwa ġiet salvata milli tintilef u reġgħet sabet postha biex tkompli tirrakkonta l-istorja tagħha lill-ġenerazzjonijiet futuri.

Minn dan il-ftit tagħrif nistgħu nifhmu kif id-devozzjoni lejn l-Appostlu Missierna San Pawl hija magħġuna mal-ħajja u l-kultura ta' pajjiżna. Bis-saħħa tan-nawfraġju fuq gżiritna ta' dan il-qaddis kbir, Malta tissemma saħansitra fl-Iskrittura Mqaddsa. Mhux ta' b'xejn li aħna l-Maltin insejħu lil San Pawl bħala missierna.

SILVANA
GIFTS AND FURNITURE




125, Vincent Dimech Street, Żurrieq ZRQ 02 (Opp. Xarolla Windmill)
Tel: 2164 9035, 2168 0115 Mob: 7933 0171 email: silvanzurrieq@mail.com

Petcare

Qrendi Road, Żurrieq – Tel: 2164 9727
Mob. No: 7964 9727



- Kull ma trid għall-pets u għall-ġnien
- Ġwież u mediċina għall-annimali u t-tjur
- Affarijiet għal kaċċa, insib u sajd
- Water Drip accessories għat-tisqija ta' ġonna u għelieqi

Il-Proprjetarju, Joe Buhagiar,
jixtieq il-Festa t-Tajba lill-Ħalsafin kollha